MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Numru 672/1985/1

George Baldacchino
vs
George Briffa

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi b'kuntratt ta' appalt datat 2 ta' Awissu 1984, il-konvenut kien qabbad lill-attur biex jibnilu post fuq Plot 78, f'tal-Handaq Development Area, Qormi bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati;

Illi l-konvenut kien hall dana l-kuntratt ta' appalt ftit qabel ma l-istanti kellu jibda x-xoghol, u dana ghal raguni estranea ghall-attur;

Illi l-konvenut kien tenut ihallas lill-attur appaltatur dik is-somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda

mhux izjed mill-qliegh li l-attur appalatur kien seta' jghamel b'dan l-appalt;

L-attur talab lill-Qorti:

1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut hall il-kuntratt ta' appalt unilateralment;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, liema somma ma teccedix il-qligh li l-attur seta' jghamel b'dana l-appalt u dan a tenur tal-Art. 1734 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Awissu 1984 u tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 1985 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok l-attur kien irid jikkonferma li hu kellu interess li jkompli din il-kawza.

2. Fit-tieni lok it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-ftehim ta' appalt in kwistjoni ma kienx gie terminat unilateralment mill-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tas-16 ta' Ottubru 1991 li bih Dr. Guido Pace Spadaro gie nominat bhala Perit Legali.

Rat id-digriet tas-7 ta' Frar 1994 li bih gie nominat l-AIC Anthony Bailey bhala Perit Tekniku.

Rat id-digriet tas-16 ta' Jannar 1998 li bih Dr. Guido Pace Spadaro gie sostitwit b' Dr. Ewina Chetcuti.

Rat id-digriet tas-17 ta' Frar 1999 li bih gie nominat l-AIC Joseph Jaccarini bhala Perit Tekniku.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Edwina Grima u tal-Perit Tekniku l-AIC Joseph Jaccarini li fih ghamlu s-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet:

"**KONSIDERAZZJONIJIET TEKNICI PERITALI**
Skond il-pjanta li kienet giet approvata mis-Sanita`, il-Kostruzzjoni tat-terrace house li kellha tibena kienet tikkomprendi front garden li minnu kien hemm id-dhul kemm ghall-porch qabel l-entrata tal-post, kif ukoll ghall-garage. Fl-entrata kien hemm bieb li jaghti ghall-garage u ghall-ispazju li fih kellu jinbena t-tarag principali. Minn dan l-ispazju kien hemm access ghall-kamra mdaqqsa li kellha tieqa li tiftah fuq bitha interna. Kien hemm ukoll dhul ghall-kamra tal-banju u dhul ghall-kamra fuq wara li kellha bieb u tieqa li jharsu fuq il-bitha retrostanti ta' cirka ghaxar piedi wiesgha.

Mir-ripjan tat-tarag fl-ewwel sular kien hemm access ghall-kamra zghira bit-tieqa li tiftah fuq it-triq u li tigi sovrastanti l-porch u parti mill-intrata fil-pjan terren: access ghall-kamra mdaqqsa bil-gallarija mikxufa fuq it-triq; access ghat-tarag sekondarju li probabbli kien jiehu ghall-washroom u ghall-bjut sovrastanti; kien hemm ukoll access ghall-kamra ohra bit-tieqa fuq il-bitha interna kif ukoll access ghall-kamra tal-banju li din ukoll kellha tieqa li tiftah fuq il-bitha interna. Ir-ripjan kellu fl-ahharnett bieb li jiftah fuq terrazzin li kien sovrastanti l-kamra ta' fuq il-pjan terren.

Din il-pjanta kienet inbidlet billi l-garage li kelu jsir fil-livell tat-triq, inbidel f'wiehed underlying, liema garage issaqqaf bil-planki kif gie dikjarat mill-konvenut fix-xhieda li ta, u b'hekk x'aktarx li l-post inbena fuq dawn il-planki.

Ix-xoghol li ghalih sar il-ftehim u li kellu jigi esegwit mill-attur, kien primarjament dak muri fuq il-pjanta – Dok "JMJ1" u "JMJ2" mibghuta fuq talba tal-Perit Tekniku mill-konvenut – originarjament appruvata u kien jikkonsisti fil-bini ta' hitan tas-singlu u dobblu fuq il-faccata, kif ukoll tarag kemm dak principali li kellu jsir wara d-dhul mill-intrata kif ukoll dak sekondarju li kellu jiehu ghall-bjut. Il-bennej kien ikkonceda li x-xoghol fit-thaffir ghall-pedamenti kif ukoll dak tax-shuttering kellu jsir mill-konvenut. F'dan l-istadju l-ideja tat-thaffir ghall-underlying garage kienet ghada ma gietx ikkunsidrata ghaliex danix-xoghol ma ssemmiex.

Skond kalkoli li ghamel il-Perit Tekniku fir-rigward tax-xoghol li kellu jsir mill-attur eskluz dak tat-thaffir tal-pedamenti u ta' shuttering li l-ispiza tieghu, il-Perit Tekniku naqqasha mir-rata tal-konkos muri fil-ftehim tal-appalt, kienet sejra tlahhaq is-somma ta' cirka Lm7,600.00 – sebat elef u sitt mitt lita ta' Malta, li l-qliegh ghall-kuntrattur kellujkun ta' cirka Lm1,520.00, somma li meta tikkunsidra n-numru ta' nies li kienu sejrin jahdmu, kif ukoll l-ammont ta' granet li tali bini kellu jiehu, jirrizulta li kull persuna nvoluta kienet sejra tithallas cirka Lm6.00 per diem. Is-somma li kienet giet imsemmija mill-Avukat tal-attur fl-ittra li kien baghat lill-Avukat tal-konvenut datata 02 ta' Jannar, 1985, kienet giet ibbazata fuq persentagg ta' qliegh pjuttost mhux realistiku, izda minkejja dan kien lest, li l-attur skond l-istess ittra, jaccetta s-somma ta' Lm350.00.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

L-azzjoni intentata mill-attur, hija bbazata fuq dak dispost fl-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili, kif indikat minnu stess fl-Att tac-Citazzjoni. Fid-dawl ta' dawk dispost f'dan l-Artikolu tal-Ligi, l-attur qieghed qabel xejn jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li kien il-konvenut li hall unilateralment il-kuntratt tal-appalt milhuq bejniethom fit-2 ta' Awissu 1984 u sabiex konsegwentement il-konvenut

jigi kundannat ihallsu ghat-telf ta’ qliegh minnu soffert minhabba din it-terminazzjoni unilaterali.

Ghandu jinghad qabel xejn, illi l-attur qatt ma beda jesegwixxi l-kuntratt tal-appalt kif miftiehem u dana ghaliex skond kif allegat minnu, il-konvenut kien diga` inkariga lil haddiehor sabiex jaghmillu dawn ix-xogholijiet, qabel ma huwa seta’ jibda. Il-konvenut min-naha tieghu jsostni li huwa kellu jaghmel dan minhabba nuqqas ta’ inadempjenza kontrattwali da parti tal-attur li ma bediex ix-xogholijiet fiz-zmien miftiehem bejniethom, tant li ghalkemm ipprova jikkomunika mieghu diversi drabi sabiex javzah biex jibda bix-xogholijiet, huwa ma setax jirrintraccah u jghid li gie f’din ir-raguni ghalhekk illi huwa ddecieda li jittermina l-kuntratt ta’ appalt minghajr ma javza lill-attur u li jqabbad lil bennej iehor sabiex jaghmillu dawn ix-xogholijiet.

Ghalhekk sabiex l-azzjoni attrici tista’ tirnexxi, l-attur necessarjament irid jipprova li din it-terminazzjoni unilaterali da parti tal-konvenut ma kenitx wahda gustifikata u li allura li l-konvenut ma kellux raguni valida sabiex jittermina l-imsemmi kuntratt.

Ghalkemm il-konvenut fl-eccezzjoni minnu sollevata isostni li, il-kuntratt ma giex terminat unilateralment min-naha tieghu, izda li kien l-attur li abbanduna x-xoghol, jirrizulta minghajr l-icken dubju li l-konvenut inkariga bennej iehor sabiex jezegwixxi x-xogholijiet li kellu jaghmel l-attur minghajr ma avza lill-attur b’dan.

Hemm konfliggenza bejn il-kontendenti f’dan ir-rigward u cioe` jekk in-nuqqas ta’ ezekuzzjoni kienx dovut ghal xi fatt volontarju tal-attur qua appaltatur pero` jekk din kenitx l-espressjoni tal-volonta` tal-konvenut li uzufruwixxa mid-dritt moghti lilu fl-Artikolu 1640 u hall dan il-kuntratt tal-appalt b’mod unilaterali u allura kienx gustifikat f’din l-azzjoni.

Ghaldaqstant hemm zewg kwestjonijiet legali li jridu jigu investigati:

1. Jekk kienx hemm inadempjenza kontrattwali da parti tal-attur;

2. Jekk din kenitx terminazzjoni unilaterali da parti tal-konvenut abbazi ta' dak dispost fl-artikolu 1640, f'liema kaz irid imbaghad jigi investigat jekk din it-terminazzjoni kenitx wahda gustifikata o meno sabiex iwassal ghall-akkoljiment o meno tat-talba attrici.

Dana qed jinghad, ghaliex l-Artikolu 1640 jaghti dritt lill-appaltatur ghat-telf ta' qliegh oltre spejjes u valur tax-xoghol li jkun gie ezegwit sal-mument tax-xoljiment biss jekk jinstab illi t-terminazzjoni ma kenitx wahda gustifikata min-naha tal-appaltant. Peress li fil-kaz in dizamina l-attur kien ghadu ma bediex jezegwixxi dawn ix-xogholijiet, allura huwa ghandu dritt biss ghall-qliegh mitluf u mhux ghall-ispejjez u valur tax-xoghol jekk jinstab illi din it-terminazzjoni ma kenitx wahda gustifikata ghaliex altrimenti l-attur ma huwa intitolat ghal xejn u t-talba attrici konsegwentement ma ssibx bazi fuq xiex tirnexxi.

Mill-provi migbura u anke kif jidher car mill-osservazzjonijiet maghmula mill-Perit Tekniku, ma jidhirx li l-attur kien fil-fatt abbanduna l-lant tax-xoghol u ghalhekk kien inadempjenti fl-obbligazzjonijiet minnu assunti. Dana jidher car mid-Dokumenti esebiti li jindikaw li l-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti kien igib id-data tat-2 ta' Awissu 1984 filwaqt li l-ewwel ittra mibghuta lill-konvenut mill-attur tramite l-konsulent legali tieghu kienet iggib id-data tat-22 ta' Awissu 1984. Allura huwa kemmxejn inverosimili dak li jsostni l-konvenut u cioe` li wara xahar u nofs mid-data tal-ftehim l-attur kien ghadu ma bediex bix-xoghol biex b'hekk madwar sitt xhur wara, kien inkariga lill-bennej Salvu Tabone biex jaghmel ix-xoghol li kellu jaghmel l-attur.

Dana qed jinghad ghaliex jidher car illi madwar tliet gimghat wara diga kien hemm disgwid bejn il-partijiet u hemm indikazzjoni fid-Dokument "AD1" illi l-attur kien diga beda jqis illi l-konvenut kien inhall mill-appalt mertu tal-kawza, tant hu hekk, li f'Jannar tas-sena wara u cioe`

1985, il-partijiet kienu diga qed jippruvaw jittransigu din il-pendenza ta’ bejniethom (ara Dokumenti “AD4” sa “AD7”).

Ghalhekk il-gustifikazzjoni li resaq il-quddiem il-konvenut u cioe` li l-attur abbanduna x-xoghol ma tistax treggi fid-dawl tal-provi prodotti u dana peress li kien fl-istess perjodu fejn il-partijiet kienu ghadhom qed jifthiemu fuq l-andament tax-xogholijiet illi l-konvenut kien diga` qabbad nies ohra sabiex jibdew bil-bini tal-proprjeta` tieghu. Fil-fatt anke l-konvenut stess ammetta in kontro-ezami li bejn Awissu 1984 u Settembru 1984 kien hemm komunikazzjoni bejn il-partijiet tramite l-Avukati rispettivi taghhom minhabba l-fatt “…li jien kont diga` bdejt bix-xogholijiet…” (Ara seduta numru 14 mizmuma fid-19 ta’ Jannar, 2001).

F’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Civili datata 14 ta’ Dicembru 1962 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Cassar vs Alfonso Maria Pace, il-Qorti sostniet:

“Jekk l-appellant ihoss ruhu mahlul mill-ftehim u jqabbad persuna ohra biex tkompli l-ezekuzzjoni tal-appalt, ikun hu, li ghax ma jkunx irrikorra ghal ministeru tal-Qorti biex tididkjara xjolt l-appalt, xolja l-kuntratt “ad nutum” u allura huwa jaqa’ taht l-imsemmija dispozizzjoni u jkun soggett biex jezegwixxi dawk l-obbligi previsti mil-Ligi favur l-appaltatur”.

**KONKLUZJONI**

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi prodotti l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li jigi dikjarat li l-konvenut hall unilateralment il-ftehim milhuq bejn il-partijiet datat 2 ta’ Awissu 1984 u konsegwentement filwaqt li ghandha tigi michuda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex b’applikazzjoni tal-Artikolu 1640(2) tillikwida t-telf ta’ qliegh soffert mill-attur abbazi tal-kalkolazzjonijiet, maghmula mill-Perit Tekniku u ghalhekk l-attur ghandu dritt jithallas minghand il-konvenut ghat-telf ta”qliegh, is-somma ta’ Lm1,520.00 – elf hames mija u ghoxrin liri ta’ Malta.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni din ma hijiex legalment sostenibbli stante li l-attur wera l-interess tieghu fil-prosegwiment tal-kawza billi ressaq il-provi u attenda regolarment ghas-seduti fil-Qorti."

**D. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija li l-attur irid jikkonferma li hu ghandu interess li jkompli din il-kawza. Hu ovvju li jekk il-konvenut qed jitkellem fuq interess pur u semplici li l-kawza tipprosegwi dan l-attur werieh il-fatt li istitwixxa l-kawza u segwa l-kawza inkluz li xehed hu stess u harrek lix-xhieda in sostenn tal-provi tieghu.

Jekk min-naha l-ohra l-konvenut qed jirreferixxi ghal interess guridiku din il-kawza sejra tirreferi ghal dak li qalet fil-kawza fl-ismijiet **Laferla Insurance Agency Limited vs Brian Mallia** Citazz. Nru: 899/04FS tat-18 ta' Jannar 2006 ta' din il-Qorti kif presjeduta fejn intqal:

"Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

- irid jkun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatement subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."

Ghalhekk fil-kaz prezenti hemm interess attwali, dirett, legittimu, guridiku u b'utilita` ghall-attur. L-attur qieghed jagixxi ghal danni allegatament minnu subiti. Ghal dawn ir-ragunijiet hu ovvju li l-attur fil-kaz odjern ghandu interess guridiku u ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija dwar li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-ftehim ta' appalt in kwistjoni ma giex terminat unilateralament mill-eccipjenti. Hawnhekk il-Qorti tinnota li hemm verzjonijiet totalment differenti. Forsi parti mir-raguni hija t-tul ta' zmien li ghadda mill-istituzzjoni ta' din il-kawza sal-lum. Bizzejjed li wiehed jara li l-kawza giet istitwita fis-27 ta' Mejju 1985 u l-ewwel seduta fejn bdew jingabru xi provi kienet fis-6 ta' Dicembru 1993, li fl-1995, 1996 u 1997 ma saritx seduta wahda, u kien mill-1999 'il quddiem li l-kawza hadet certu rankatura. Il-konvenut sostna li wara l-ftehim hu kien xtaq ihaffer hu ghall-pedamenti u li jiehu hsieb il-konkos u ma jidhirx li din kienet il-problema. Infatti l-konvenut isostni li hu kien ried jibda x-xoghol izda diversi drabi mar ifittex lill-attur u fl-ahhar sar jaf li dan huwa msiefer u ghalhekk iddecieda li jqabbad lil haddiehor. Min-naha tieghu l-attur isostni li dan kollu m'hu veru xejn ghax hu f'dik is-sena qatt ma siefer fit-tul u kien qiegehed jistenna l-ordni tal-konvenut biex jghidlu jibda, liema ordni ma giet qatt u ghalhekk ma bediex ix-xoghol. Li hu stramb huwa li l-ftehim ta' appalt sar fit-2 ta' Awissu 1984 u li fit-22 ta' Awissu 1984 l-attur kien gja baghat ittra legali lill-konvenut dwar il-fatt li l-konvenut inhall minn dan l-appalt u interpellah ghal-likwidazzjoni u hlas ta' telf ta' qliegh li hu kien seta' jaghmel b'dan l-appalt. Kienet saret risposta ghal din l-ittra u fis-27 ta' Settembru 1984 regghet intbaghtet ittra ohra lill-konsulent legali tal-konvenut dwar il-fatt li tinstab a fol 132. Il-konvenut f'ebda hin ma rnexxielu jipprova li kien l-attur li unilateralment ittermina l-appalt, anzi mill-provi rrizulta kif qal anke l-perit legali li tali terminazzjoni saret mill-konvenut. Infatti kif issemma fuq fit-22 ta' Awissu 1984 u cioe` tliet gimghat biss wara li kien sar il-ftehim tal-appalt l-attur kien kiteb lill-konvenut li

b'ebda mod ma kkontesta dak li sostna l-attur u cioe` li l-konvenut inhall unilateralment mill-appalt. Jidher li l-konvenut l-ewwel ftiehem fuq l-appalt u in segwitu kellu ripensamenti ghax seta' jqabbad nies ohra. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti a differenza ta' dak sottomess mill-perit legali, ghalkemm l-attur mill-ewwel mar ghand il-konsulent legali tieghu biex jibghat l-ittra lill-konvenut, ma jidhirx li kellu xi akkaniment specjali biex jaghmel ix-xoghol tant li l-pretensjoni tieghu kienet ferm izghar minn dik likwidata mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti. Tant kemm hu hekk fl-ittra tat-2 ta' Jannar 1985 mibghuta mill-konsulent legali tal-attur lill-konvenut, jinghad li l-attur jistma li x-xoghol kellu valur ta' cirka Lm8000 u li l-profitt kien ikun ta' bejn 10% u 15% li b'medja ta' 12% jkun madwar Lm1000 izda l-attur kien preparat li jittransigi l-pendenza bi hlas ta' Lm350. Il-perit tekniku fil-fatt wasal ghal stima ta' Lm7600 bil-qliegh tal-kuntrattur li kellu jkun Lm1520.

L-artikolu 1640 tal-Kodici Civili jikkontempla l-kaz ta' xoljiment unilaterali "***ad nutum***" u ghalhekk tezisti l-fakulta` li l-appalt jigi xolt mill-appalt moghti anke jekk ix-xoghol ikun gja nbeda billi l-appaltant ihallas lill-appaltatur tax-xoghol li jkun lahaq ezegwixxa u tal-ispejjez li jkun ghamel flimkien ma' somma li tigi stabbilita` mill-Qorti bhala indennizz ghat-telf ta' profitt liema somma pero` ma tistax teccedi dik li l-appaltatur kien jirrejalizza kieku kompla l-appalt (ara **Accountant General vs Arthur Ellul Sullivan**, Appell Kummercjali tal-14/06/89, Vol LXXIII, Pt ii, pg 549).

Dan huwa l-ewwel kaz li l-legislatur jipprovdi dwaru dwar xoljiment ta' appalt. L-artikolu 1641 imbaghad jikkontempla x-xoljiment ta' kuntratt ta' appalt minhabba l-mewt tal-appaltatur. Inoltre hemm bhal kaz tal-kuntratti bilaterali l-ohra l-patt kommissorju tacitu minhabba l-inadempjenza tal-parti l-ohra. L-appaltant jista' jinvoka favur tieghu l-massima "***inadimplenti non est adimplendum***" f'liema kaz hemm bzonn intervent tal-Qorti biex tiddikjara li l-kuntratt huwa xolt ghal raguni ta' inadempjenza (ara XXXI Pt I pg 386; XXXVII Pt I pg 197; XXXVIII Pt I pg 716; XLVI Pt I pg 437). Il-Qorti ghandha wkoll il-fakulta` f'dan l-ahhar kaz li taghti zmien ragonevoli

lid-debitur jissodisfa l-mora li jkun waqa' fiha. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Pio Gauci vs Joseph Cutajar** deciza fit-23 ta' Mejju 1989, mill-Qorti tal-Kummerc, presjeduta mill-Onor. Imhallef Mifsud Bonnici, XXIII, Pt IV pg 959:
"Eccezzjonalment, fl-appalti, timpera regola specjali, li tawtorizza lill-appaltant li jittermina l-kuntratt unilateralment, u, kif jghid l-istess artikolu 1640 Kap 16 **meta jrid** u dan huwa l-aktar mod effikaci li l-ligi hasbet biex ma tostakolax l-ezekuzzjoni ta' xogholijiet b'rintralci tal-azzjonijiet gudizzjarji li jkunu jridu jistabbilixxu jew kuntratt giex itterminat jew le qabel ma jitkompla x-xoghol jew mill-appaltatur originali jew minn haddiehor".

Fil-kawza fl-ismijiet **Pulis Rosario vs Gatt Begno** deciza fil-15 ta' Gunju 1965 mill-Qorti tal-Kummerc, Imh. Gauci Maistre, Vol XLIXE 1165 inghad li meta l-appaltant iwaqqaf lill-appaltatur milli jkompli x-xoghol, dan ghandu dritt ukoll ghall-kumpens li hu mholli fid-deskrizzjoni tal-Qorti, b'dana li m'ghandux jeccedi l-profitti li l-appaltatur seta' jaghmel bl-appalt. (Ara wkoll **Mizzi Philip vs Falzon Anthony** deciza fit-3/11/83 mill-Qorti tal-Kummerc, Imh J. D. Camilleri, Vol LXVII-III-V-391).

Maghmula l-kostatazzjonijiet hawn fuq, jirrizulta car li minghajr raguni valida l-konvenut ittermina l-appalt. Il-ligi fl-artikolu 1640 tidddisponi li meta l-appaltant iholl il-kuntratt hu ghandu jhallas lill-appaltatur a) l-ispejjez u x-xoghol kollu tieghu (li f'dan il-kaz ma jezistix) u b) somma li tigi meqjusa mill-Qorti skond ic-cirkostanzi izda mhux aktar mill-qliegh li seta' jaghmel l-appaltatur minn dak l-appalt. Ghalhekk din il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni hi wara li tevalwa c-cirkostanzi kollha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghalhekk il-Qorti wara li tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1000.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------